**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 23 ta’ Ottubru 2024**

**Kumpilazzjoni Nru. 862/2024**

**IR-REPUBBLIKA TA’ MALTA**

**VS**

**DANIEL ATTARD**
**(K.I. NUMRU 140984M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Daniel Attard** li ġie akkużat talli nhar l-għoxrin (20) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) f’xi ħin bejn is-sitta (18:00) u s-sebgħa u nofs (19:30) ta’ filgħaxija, ġewwa il-Ħamrun u/jew f’bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer, kif ukoll bejn ix-xhur ta’ Frar u Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), fi bnadi diversi ġewwa dawn il-Gżejjer, b’diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ ħaddieħor f’periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe’ offiża ta’ natura gravi

fuq il-persuna ta' **Yanica Mfsud**, hekk kif iċċertifikat minn Dr Ryan Falzon (Med. Reg. Nru. 4320), liema reat huwa aggravat stante li d-delitt sar fuq persuna msemmija fl-artikolu 202(h) ossia persuna li kienet f'relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le;

2. Ħebb kontra l-persuna ta' **Yanica Mifsud** sabiex jinġurja, idejjaqha jew jagħmlilha l-ħsara;

3. Għamel lil **Yanica Mifsud** inġurji jew theddid mhux imsemmijien band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li joħrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni relattivi għall-imputazzjonijiet;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni, lid-difiża u lid-difensur tal-*parte civile* jiddikjaraw illi, jekk il-Qorti jidhrilha xieraq, l-imputat jiġi trattat b'Ordni ta' Probation;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-imputat il-Qorti tosserva illi hemm qbil bejn il-Prosekuzzjon u d-difiża illi l-piena idonea tkun waħda mhux karċerarja.  Pero` hemm bżonn ukoll illi l-imputat jiġi segwit b'Ordni ta' Probation biex jagħraf il-gravita` ta' dak li wettaq.

Illi l-Qorti wara li ħadet dan kollu in konsiderazzjoni, il-fedina penali netta tal-imputat u l-ammissjoni bikrija tiegħu,  hija disposta li tagħti lill-imputat ċans biex itejjeb ħajtu, jekk huwa jrid.  Għalhekk se tkun qiegħda tpoġġih taħt Ordni

ta’ Probation biex jiġi segwit u ggwidat filwaqt li se toħroġ Ordni ta’ Trażżin sabiex tiġi kawtelata Yanica Mifsud.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 202 (h) (vi), 214, 215, 216, 222 (1) (a), 339 (1) (d) u 339 (1) (e) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Daniel Attard** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tpoġġih taħt **Ordni ta’ Probation għal żmien tliet (3) snin mil-lum** bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma’ din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat fi kliem ċar lill-ħati l-konsegwenzi jekk huwa ma josservax il-kundizzjonijiet kollha tal-Ordni ta’ Probation.

Fl-aħħarnett, ai termini tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qiegħda toħroġ **Ordni ta’ Trażżin** fil-konfront tal-ħati sabiex tiġi kawtelata Yanica Mifsud u dana bil-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment u li jiffurmaw parti ntegrali minn din is-sentenza.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**